



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

19.11.2012

B7-0497/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara l-mistoqsija għal tweġiba orali B7-0367/2012

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-adeżjoni ta' tmien pajjiżi terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal (2012/2791(RSP))

**Klaus-Heiner Lehne, Luigi Berlinguer, Eva Lichtenberger,
Francesco Enrico Speroni, Alexandra Thein, Tadeusz Zwiefka**
f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Legali

RE\919748MT.doc

PE493.692v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-adeżjoni ta' tmien pajjiżi terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal (2012/2791(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2(2), 3(2), 4(2)(j), 81(3), 216(1) u 218(6)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Każijiet 22/70¹ u C-467/98² u l-Opinjoni 1/03³,
 - wara li kkunsidra l-proposti tal-Kummissjoni għal deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-adeżjoni tal-Gabon⁴, l-Andorra⁵, is-Seychelles⁶, il-Federazzjoni Russa⁷, l-Albanija⁸, is-Singapor⁹, il-Marokk¹⁰ u l-Armenja¹¹ għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal,
 - wara li kkunsidra l-fatt li l-Kunsill għadu ma talabx il-kunsens tal-Parlament rigward dawn id-deċiżjonijiet,
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija mressqa lill-Kummissjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni mill-Istati Membri, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, tal-adeżjoni ta' tmien pajjiżi terzi mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal (O-000159/2012 – B7-0367/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura,
- A. billi l-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal hi ta' importanza ewlenija, peress li tistabbilixxi sistema li tippermetti lill-istati parteċipanti jikkooperaw biex tinstab soluzzjoni għall-ħtif internazzjonali tat-tfal, billi tiddefinixxi l-kompetenzi tal-ġurisprudenza u d-dritt applikabbli fit-teħid ta' deċiżjoni dwar fejn għandhom jirresjedu t-tfal;

¹ Każ 22/70, *Kummissjoni v. Kunsill* (ERTA) [1971] ECR 263, paragrafu 16.

² Każ C-467/98 *Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka* [2002] ECR I-9519, paragrafu 77.

³ L-Opinjoni 1/03 dwar il-Kompetenza tal-Komunità li tikkonkludi l-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonossiment u l-Eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali) [2006] ECR I-1145, paragrafu 126.

⁴ COM(2011)0904.

⁵ COM(2011)0908.

⁶ COM(2011)0909.

⁷ COM(2011)0911.

⁸ COM(2011)0912.

⁹ COM(2011)0915.

¹⁰ COM(2011)0916.

¹¹ COM(2011)0917.

- B. billi b'hekk, il-Konvenzjoni tistipula r-ritorn rapidu tat-tfal maħtufa fil-pajjiż ta' residenza abitwali tagħhom;
 - C. billi l-Konvenzjoni tapplika biss għal dawk il-pajjiżi li rratifikawha jew li huma membri tagħha;
 - D. billi l-adeżjoni ta' stati membri ġodda għandha tiġi aċċettata minn dawk l-istati li diġà huma membri, sabiex il-pajjiżi jkunu jistgħu japplikaw il-Konvenzjoni bejniethom;
 - E. billi għaldqasant l-aċċettazzjoni tal-adeżjonijiet għandha importanza ewlenija;
 - F. billi l-Unjoni Ewropea diġà eżerċitat il-kompetenza interna fil-qasam tal-ħtif internazzjonali tat-tfal, b'mod partikolari permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 li jirrigwarda l-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' ġudizzji fi kwistjonijiet matrimonjali u fi kwistjonijiet ta' responsabilità tal-ġenituri¹ ;
 - G. billi għalhekk isegwi li l-Unjoni Ewropea kisbet kompetenza esterna esklussiva fil-qasam tal-ħtif internazzjonali tat-tfal;
 - H. billi, peress li l-Konvenzjoni ma tippermettix l-adeżjoni ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, l-Unjoni Ewropea għandha tawtorizza lill-Istati Membri jaġixxu fl-interess tagħha fl-aċċettazzjoni tal-adeżjonijiet msemmija aktar 'il fuq;
 - I. billi għalhekk il-Kunsill għandu minnufih jieħu passi biex jadotta d-deċiżjonijiet proposti mill-Kummissjoni, inkluż bil-konsultazzjoni immedjata tal-Parlament;
 - J. billi jidher li minkejja l-urġenza tal-kwistjoni u ċ-ċarezza tas-sitwazzjoni ġuridika, il-Kunsill iddeċieda li jittardja l-konsultazzjoni tal-Parlament u l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet msemmija qabel bil-għan li jikkontesta l-prinċipju ta' dawk id-deċiżjonijiet fuq bażi ġuridika;
1. Jindirizza lill-Kunsill ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-Kunsill għandu jipproċiedi minnufih bil-proċedura għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet proposti msemmija qabel;
 - (b) għal dan il-għan, għandu jikkonsulta mal-Parlament dwar it-tmien deċiżjonijiet proposti;
 - (c) fl-interess taċ-ċittadini Ewropej li jibbenefikaw mill-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet, għandu jibqa' lura milli jostakola l-funzjonament xieraq tal-Unjoni Ewropea fuq bażi ġuridika falza;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President biex iġhaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, u għal informazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-uffiċċju Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

¹ ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1.